# 14. Il-Barri tat-Toskana

Ikreh u mingħajr grazzja
il-Barri tat-Toskana;
kull m'għandu ħelu l-ġilda
bejn xehba bejn bajdana;

Għajnejh suwed iħarsu
ċassi u mingħajr tifsir
u qrunu bħal "V" kbira,
ajma x'ingombru kbir!

Iżda tal-barri l-kruha
kemm tagħmel ġmiel u ħlewwa,
kemm tagħmel ġid u benna!
Ħares biex tkun taf sewwa,

Sa fejn tagħtik il-vista,
kemm siġar, kemm uċuh,
kemm dwieli, kemm għelejjel,
kemm ħxejjex u kemm qmuħ!

Biex xterdet din is-sbuħija
kemm ħarat u kemm ġarr!
kemm demmel, dawwar swieni,
miskin, u qatt ma garr!

Ħares f'dawn l-oqsma kollha,
f'kull tuba trab li hemm
fiha tal-Barri bieżel
qatra għaraq tad-demm!

Il-Barri tat-Toskana,
– bħall-ġemel tal-Bedwin
ħodbi u dak wiċċu mqarras, –
rigal t'Alla ħanin.